**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Fl-atti tal-ittra ufficjali numru 2279/2017 fl-ismijiet:**

**Rikors numru: 247/2017 CFF**

**Automated Revenue Management Services Limited (C46054)**

**Vs**

**Amata Camilleri**

**Illum 13 ta' Jannar, 2021**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** ta' Amata Camilleri fejn esponiet:

1. Illi permezz tal-ittra ufficjali numru 2279/17, is-socjeta' interpellanta ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap 12 talbet lir-rikorrenti sabiex thallas l-ammont ta' elf sitt mija u ewro u erbgha u tmenin centezmu (€1,601.84) rapprezentanti bilanc li skont is-socjeta' interpellanta huwa dovut ghall-konsum ta' ilma, kera ta' 'meter' tal-ilma, spejjez amministrattivi, 'connection' u 'disconnection fees' u/jew kull hlas iehor skont ir-regolamenti fuq il-provvista dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien ma imghax dovut fuq l-ammont skont il-ligi relatati mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000038920 ossia dwar il-fond bl-indirizz Mellieha Pharmacy, Triq Gorg Borg Olivier, il-Mellieha;

2. Illi r-rikorrenti giet notifikata bl-imsemmija ittra ufficjali nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Awwissu, 2017;

3. Illi fl-ewwel lok u kuntrarjament ghal dak indikat fl-ittra ufficjali, ir-rikorrenti qatt ma giet interpellata qabel mis-socjeta' interpellanta dwar dan l-ammont allegatament dovut;

4. Illi di piu', ir-rikorrenti ilha li waqfet topera l-kummerc fil-fond imsemmi fl-ittra ufficjali vicin ghoxrin (20) sena ilu;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-pretenzjoni tas-socjeta' interpellanta hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u ghal dawk li jistghu jirrizultaw fl-eventwalita' trattazzjoni ta' kawza dwar din il-vertenza, ir-rikorrenti a tenur tal-Artikolu 466(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta topponi ruhha ghat-talba tas-socjeta' interpellanta hekk kif kontenuta fl-ittra ufficjali numru 2279/17 u umilment titlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara t-talba bhala wahda infondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' interpellanta.

Rat **ir-risposta tal-Automated Revenue Management Services Limited** fejn esponiet:

1. Illi l-kont indikat fl-ittra ufficjali promotorja dik bin-numru 2279/2017 datata 23 ta' Awwissu 2017 u cioe' 101000038920 minn dejjem kien registrat f'isem ir-rikorrenti u baqa' hekk registrat sa meta gie definittivament maghluq minhabba nuqqas ta' hlas, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dar-rikors.

2. Illi ghalhekk ir-responsabbilita' ghall-hlas tal-istess kont hija u baqghet tar-rikorrenti.

3. Illi l-fatt li r-rikorrenti waqfet milli tezercita l-kummerc fejn kien hemm is-servizz ma jfissirx li hija ma baqax responsabbli ghall-hlas tal-kont in kwistjoni. Ir-responsabbilita' f'das-sens tieqaf biss meta hija tipprezenta applikazzjoni korretta u bid-dokumentazzjoni mehtiega ghat-trasferiment tal-kont ghal fuq haddiehor.

4. Illi minn spezzjoni tal-fond fejn kien hemm is-servizz, liema spezzjoni saret fl-2016, irrizulta li l-meter tal-ilma ma kienx in situ u ghalhekk, skont ir-regolamenti (S.L. 545.03 Art. 39) giet mizjud l-ammont ta' €1,500.00 bhala danni.

5. Illi ghalhekk ukoll l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ndikat mir-rikorrenti ma tissussisstix.

6. Illi, ghaldaqstant u b'rizerva ghal kull prova ohra kif ikun mehtieg li tingieb, bil-permess ta' din il-Qorti, is-socjeta' esponenti pro et nominee titlob li din l-istess Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti bhaal minghajr bazi fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara l-ittra ufficjali numru 2279/2017 pprezentata ai termini tal-Art. 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta bhaal titolu ezekuttiv kontra r-rikorrenti.

Ikkunsidrat:

**Reuben Bonnici**, rapprezentant tal-ARMS jispjega li Amata Camilleri ghandha kont f'isimha ghal fond Mellieha Pharmacy, Triq George Borg Olivier, Mellieha fl-ammont ta' €1589.84 li ghadu pendenti. Jispjega li fl-2016, il-Water Services Corporation, baghat xi haddiema fuq il-fond sabiex jispezzjonaw il-'meter' tad-dawl, fejn sabu li l-'meter' tad-dawl ma kienx installat fejn kellu jkun installat. Ghalhekk kienet inharget multa ta' €1500. Jikkonferma li bhala konsumatur, l-isem indikat mal-Water Services hija certa Angela Borg Barthet, Managing Pharmacist on behalf of AM Mangion.

Reuben Bonnici rega' xehed fil-25 t'April, 2018 u spjega li Amata Camilleri kienet bghatet zewg ittri lis-socjeta' ARMS, wahda nhar il-26 ta' Mejju, 1993 u l-ohra hija bla data.

Reuben Bonnici rega' xehed fid-19 ta' Settembru, 2018 u spjega li 'migration document' huwa l-ammont li hemm fis-sens illi l-ARMS ghamlet tliet kambjamenti meta qalbu minn liri Maltin ghal ewro. Jispjega li l-kliem 'ISO invoicing' huma 'invoice' li jkun hemm fil-kont. Jikkonferma li l-kontijiet dejjem hargu fuq isem Amata Camilleri u mhux fuq terzi. Jikkonferma illi fl-2011, meta saret l-ispezzjoni u ma nstabx il-'meter' insallat, il-kont inghalaq. Sabiex wiehed jehles mir-responsabbilita' ta' kont, irid jimla formula ta' 'transfer' u l-kont jinqaleb fuq terzi, jew inkella ssir applikazzjoni sabiex jinghalqu l-'meters' tad-dawl u l-ilma. Reuben Bonnici jispjega li ghar-rigward tal-ilma, ma kien hemm l-ebda applikazzjoni sabiex il-kont jinghalaq.

Reuben Bonnici rega' xehed fl-14 ta' Marzu, 2019 jispjega li hemm ittra datata 25 ta' Frar, 2013 mibghuta minn Galenka Limited b'referenza ghal 'meter' tal-ilma li ma kienx ghadu installat.

**Joanna Gatt** hija 'Managing Director' ta' Viviane Corporation u Hercules Limited fejn spjegat li dawn l-istess kumpaniji xtraw il-Mellieha Pharmacy fl-2000, pero' peress li ma kinitx involuta, ma tafx jekk kienx hemm xi trasferimenti ta' 'meters'. Tikkonferma li hadd ma kien avvicinahom sabiex ihallsu xi kontijiet jew pendenzi ohra.

**Raymond Vella** huwa Direttur ta' A.M. Mangion Limited fejn spjega li ma sab l-ebda dokument ta' trasferiment tal-Mellieha Pharmacy, kif ukoll ma sab l-ebda trasferimenti ta' 'meters' tad-dawl. Jispjega li hu kien ghamel talba lill-ARMS sabiex ma jibghatux iktar kontijiet stante li l-'meters' kienu gew imnehhija. Inoltre jispjega li Galenica Limited hija kumpanija li hi l-owner proprjetarju tal-blokka tal-ispizerija u ghalhekk id-diversi ismijiet indikat fil-kontijiet huma kollha konnessi.

**Amata Camilleri** tispjega li fl-1980 hija kienet responsabbli tal-kumpanija Mellieha Trading Agency Limited liema kumpanija xtrat proprjeta' bl-indirizz 107, Triq George Borg Oliveri, Mellieha, liema kienet qed tintuza bhala spizerija. Maz-zmien, in-numru 107 inbidel ghal 111. Wara certu snin il-kumpanija bieghet l-ispizerija lil Hercules Limited li xtrat l-istess spizeriji u licenzja tal-ispizerija fis-26 ta' Lulju, 2000 u ghalhekk mis-sena 2000, Hercules Limited kienet responsabbli tal-ispizerija. Tispjega li fit-23 ta' Awwissu, 2017 hija rceviet ittra mis-socjeta' ARMS fejn infurmawha li kien hemm certu pendenzi. Hija tghid li kienet ilha 19-il sena li ma baqghetx involuta mal-Mellieha Pharmacy u qatt ma giet avvicinata minghand hadd li nfurmaha li kien hemm dawn il-pendenzi. Hija tikkonferma li Mellieha Pharmacy kienet inbieghet lil Galenica Limited li ghadha topera l-istess spizerija.

Amata Camilleri xehdet fit-3 ta' Marzu, 2020 fejn ikkonfermat li hija bieghet l-ispizerija fis-sena 2000 minn dakinhar qatt ma rceviet ebda komunikazzjoni la mill-ARMS u lanqas mill-kumpanija Hercules li kienet akkwistat l-ispizerija. Tispjega li fis-sena 2017 hija rceviet ittra minghand l-ARMS fejn infurmawha li kien hemm kont pendenti. Tikkonferma li hija qatt ma ghamlet transfer ta' 'meter' ghaliex hadd qatt ma qalilha li kellha tghamel dan it-transfer.

Rat li permezz ta' digriet tal-Prim Imhallef datata 16 ta' Dicembru, 2019, din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif presjeduta.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Amata Camilleri.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirrizulta li r-rikorrenti kienet bieghhet il-propjeta taghha li tinsab gewwa l-Mellieha lil kumpanija Hercules Limited fis-sena 2000, li wara kienet inbieghet lil kumpanija ohra. Kien biss fl-2017 li hija giet infurmata b'permezz ta' ittra ufficcjali sabiex thallas multa minhabba li kien tnehha il-'meter' minn din il-propjeta'. Illi minn naha tal-istess rikorrenti u konfermat ukoll mill-istess rapprezentanti ta' zewg kumpaniji li kienu xtraw din il-propjeta' fejn kien jinstab il-meter li hija kienet bieghhet din il-propjeta kwazi sbatax-il sena wara li irceviet l-ittra ufficjali.

Illi gara li kien inhareg kont pero' maghhom kien hemm ukoll (ara dok RB 1) hlas iehor ta' elf u hames mitt Euro. Illi gara li fis-sena 2016 saret spezzjoni gewwa din il-propjeta' u dan il-'meter' ma kienx aktar f'postu. Illi ghalhekk kienet inharget multa minhabba li ma kienx instab dan il-'meter'. Minn naha tar-rikorrenti hija sostniet li hija ma' ghandha thallas xejn u dan minhabba l-fatt li kienet bieghet il-propjeta' fis-sena 2000 u ghalhekk zgur ma setghetx ghamlet xi haga kemm bhala konsum kif ukoll li nehhiet dan il-'meter' minhabba li ma baqghtex propjetarja ta' din il-propjeta'. Illi pero' hija kkonfermat li qatt ma kienet trasferit dan il-'meter' fuq xi persuni ohra meta bieghet din il-propjeta'.

**Il-Preskrizzjoni**

Illi r-rikorrenti qajmet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u dan taht dak li hemm fl-artikolu 2156 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi kien biss fin-nota ta' sottomissjoni tar-rikorrenti li giet prezentata nhar it-3 t'Awwissu 2020 fejn ghamlet accenn ghal liema sub-artikoli

qieghda tirreferi ghal dak li hemm fl-artikolu 2156 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi kif inghad fir-rikors promotur ma gietx indikata d-dispozizzjoni specifika tal-ligi li tikkontempla l-preskrizzjoni partikolari li giet eccepita, ir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjoni semma l-artikolu 2156 (1)(d) u (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghandu jinghad li l-artikolu 2156 sub-inciz (1) ma jezistix fil-Kap 16.

Huwa ritenut fil-gurisprudenza tal-qrati taghna illi jekk ma tigix indikata espressament u b'mod sufficjentement car il-preskrizzjoni eccepita, bl-indikazzjoni tal-artikolu u s-subinciz specifiku, l-eccezzjoni ma ghandhiex tigi kkunsidrata mill-Qorti u ghandha tigi mwarrba. Il-Qorti filwaqt illi tosserva li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma gietx sollevata fir-rikors promotur izda biss fin-nota ta' sottomissjoni u ghalhekk dan in-nuqqas gie rettifikat u ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi biex tara din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Il-preskrizzjonijiet eccepiti mill-attur huma s-segwenti l-Artikoli 2156 (1) (d) u (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa wkoll fatt li meta l-Qorti tiddetermina li l-preskrizzjoni partikolari eccepita ma tkunx applikabbli ghal kaz in ezami, mhux il-kompitu taghha li toqghod tindaga u tara hija stess liema hija l-preskrizzjoni li taqa' fiha din l-azzjoni. Il-Qorti hija marbuta taht dak li jghid l-artikolu 2111 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn Il-qorti ma tistax *ex officio* tagħti effett għall-preskrizzjoni, jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata. Illi pero fi kwalunkwe kaz il-preskrizzjoni msemmija taht l-Artikolu 2156 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik ta' hames snin.

Illi jibqa' biss jekk f'dan il-kaz liema sub-artikolu r-rikorrent qieghed jaghmel referenza meta qieghed isemmi biss l-Artikolu 2156 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghalkemm ghamel referenza ghal dak li seta' hemm fl-Artikolu 2156 (d) u (f). Illi f'dan il-kaz l-istess socjeta' konvenuta opponiet ghal kwistjoni tal-preskrizzjoni. Sejra ssir referenza ghal kawza fl-ismijiet **Fenech Plant Hire Limited vs P. Montebello**, deciza fit-13 ta' Marzu 2009 intqal hekk mill-Qorti tal-Appell:-

> *"Hu ben saldat fid-dottrina legali u fil-gurisprudenza illi meta tigi opposta l-preskrizzjoni l-konvenut ma ghandu ghalfejn jipprova xejn izjed hlief id-dekorriment taz-zmien. Jaggrava fuq l-attur illi jiddemostra illi dik il-*

*preskrizzjoni ma kienetx ammissibbli ghall-fattispeci tal-kawza, jew, alternattivament, jekk applikabbli, li dik l-istess preskrizzjoni giet sospiza jew interrotta. Jinzel minn dan illi l-perkors li suppost kellha ssegwi l-ewwel Qorti kellu jkun dan:-*
*(1) Ir-ricerka u l-verifika jekk il-preskrizzjonijiet eccepiti, jew xi wahda minnhom, kienux jew le opponibbli ghat-talba;*
*(2) F'kaz ta' applikabilita` ta' xi wahda minnhom, jekk il-perijodu preskrittiv giex interrott ghal motiv dedott mis-socjeta` attrici;*
*(3) Stabbilita din l-interruzzjoni, id-determinazzjoni tal-mument storiku li fih avverat."*

Illi wara li gie determinat taht liema artikolu tal-Ligi l-azzjoni tista' tkun preskritta issa irid jigi kkunsidrat jekk ir-rikorrent bhala l-eccipjent tal-preskrizzjoni f'dan il-kaz, tax effett lill-preskrizzjoni minnu eccepita billi segwa l-procedura rikjesta *ad validitatem* mill-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili. Illum dan l-Artikolu jistipola illi:-

*(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, **2156** (enfazi tal-Qorti) u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*

L-imsemmi l-Artikolu 2160 kif emendat bis-sahha tal-emendi introdotti bl-Att I tal-2017 u immedjatament wara, bl-Att VIII tal-2017. Illi din il-kawza gie intavolata fil-31 t'Awwissu 2017 fejn l-Att I dahal fis-sehh nhar it-13 ta' Jannar 2017 u l-Att VII tal-2017 dahal fis-sehh nhar l-24 ta' Frar 2017. Illi ghalhekk dawn l-emendi kienu fis-sehh meta giet intavolata din il-kawza. Illi kif gie ritenut fis-sentenza ricenti fl-ismijiet **P&S Limited et vs Noel Zammit et**, deciza fis-16 ta' Frar 2018 moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fejn gie trattat l-emendi li saru fl-Artikolu 2160:-

*"... l-eccezzjoni taht artiklu 2156(f) u (d) tal-Kodici Civili ma tirnexxix ghas-semplici raguni li jkunu ghaddew hames snin. It-terminu imsemmi fir-rigward tal-artikli 2156(d) u (f) tal-Kodici Civili huwa biss wiehed u mhux l-uniku ingredjent biex tirnexxi din id-difiza. Dak li jiddisponi dan l-artiklu jrid ikun abbinat mal-ingredjent l-iehor kumulattiv ta' natura procedurali, li jikkommina l-artiklu 2160 (1) tal-Kodici Civili."*

Illi ghalhekk f'dan il-kaz l-applikazzjoni tal-Artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta japplika minhabba li dawn il-proceduri sehhew wara li dahal fis-sehh il-procedura msemmija fl-Artikolu 2160 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi madankollu, il-Qorti hija marbuta li tapplika dak li hemm fil-Ligi u mix-xiehda tal-istess rikorrenti ma hemm xejn

bhala indikazzjoni li hija bil-gurament li r-rikorrenti mhiexx debitrici. Illi ghalhekk il-Qorti wara li rat dak li hemm fl-Artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma tistax tilqa' t-talba tal-preskrizzjoni.

**Mertu**

Illi r-rikorrenti ssostni li hija qatt ma rceviet xi kont jew xi informazzjoni ohra rigward il-'meter' li kien installat fil-propjeta' li kellha. Illi pero' tghid ukoll li hija qatt ma ghamlet talba sabiex dan il-'meter' jigi trasferiet lil haddiehor meta bieghet din l-istess propjeta'. Illi mill-provi prodotti hareg b'mod car li hija kienet bieghet l-istess propjeta' fejn kien il-'meter' u dan fis-sena 2000. Illi wara li saret spezzjoni fis-sena 2016 kien irrizulta li dan il-'meter' ma kienx aktar imwahhal fil-post imsemmi. Illi kien ghalhekk l-awtoritajiet koncernati baghtu l-ittra ufficjali ghal hlas tal-multa u dan maghdud ukoll mal-kirjiet u konsum li kien hemm. Illi r-rikorrenti ma setghetx taghti spjegazjoni x'seta' sar minn dan il-'meter' u ghar-raguni li kienu ghaddew aktar minn sittax-il sena minn meta kienet bieghet il-propjeta' taghha. Illi mid-dokument (ara dok RB3 a fol 20) tal-ispezzjoni li kienet sehhet fis-sena 2016, il-meter bin-numru tal-account 101000038920 ma kienx instab gewwa l-propjeta' fejn suppost kien imwahhal. Illi kien ghalhekk li inharget multa ta' elf u hames mitt ewro bl-applikazzjoni tal-Artikolu 39 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 545.03. Illi jidher mir-rapport stress li l-konsumatur li gie imnizzel fih dan id-dokument ma kienx ir-rikorrenti izda l-persuna li kienet qieghda tiehu hsieb l-istess Spizerija gewwa l-Mellieha. Illi mix-xhieda mghotija mill-istess raprezentant tal-istess ARMS Ltd, semma li dan in-numru tal-kont kien jghajjat lill-istess rikorrenti Amata Camilleri u ghalhekk kienet inharget din il-multa. Illi mid-dokumenti esebieti ma kienx jirrizulta li fil-fatt kien sar xi trasferiment ta' dan il-'meter' u ghalhekk baqghet l-istess rikorrenti bhala responsabbli.

Illi meta xehdet l-istess Joanna Gatt fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2019 qalet li l-kumpanija li hija tahdem maghha kienet xtrat il-propjeta' li kienet tappartjeni lir-rikorrenti. Illi fid-dokumenti BB2 a fol 63 juri bic-car li l-venditrici kienet se thallas kwalunkwe kontijiet pendenti sal-gurnata tal-bejgh. Illi dan kien ifisser li kontijiet wara din il-gurnata kienu se jibdew jithalsu mix-xerrej u cioe' minn Hercules Limited. Illi kien biss sitt snin wara li din il-propjeta' regghet inbieghet lil kumpanija ohra A.M. Mangion Ltd u dan skont il-kuntratt

t'akkwist (ara dok BB 1 a fol 56). Illi hareg minn dak li qal Raymond Vella (ara xiehda a 65) li bhala kumpanija kienu baghtu ittra lill-ARMS Ltd minhabba l-fatt li kienu rcevew kont u kienu infurmawhom li dan il-'meter' kien tnehha u ghalhekk m'ghandhomx jibghatu aktar kontijiet. Illi fil-fatt ittra tal-25 ta' Frar 2013 mibghuta lill-ARMS Ltd turi li dan il-'meter' kien tnehha wara li l-bini kien waqa' u dan b'referenza ghall-istess numru tal-kont mertu ta' din il-kawza. Illi b'din l-ittra (dok AB 1 a fol 68) juri bi-car li l-kontijiet kienu qieghdin jinhargu u fis-sena 2008 kien hemm talba ghat-tnehhija ta' dan il-'meter' minhabba x-xoghol li kien sejjer isir. Illi ghalhekk zgur ma kinitx l-istess rikorrenti li ghamlet dawn it-talbiet kemm fl-ittra biex ma jibqghux hergin kontijiet kif ukoll it-tnehhija tal-'meter'. Illi pero minn naha tar-rapprezentant tal-ARMS Ltd ikkonferma fil-fatt li kien hemm talba ghat-tnehhija tal-'meter' tad-dawl izda mhux dak tal-ilma.

Illi minn dawn il-fatti il-Qorti tara li hija daqxejn difficili kif 'meter' tad-dawl li suppost kien qieghed jghajjat lir-rikorrenti tnehha b'applikazzjoni minn ghand terzi. Illi wkoll ma jaghmilx sens li jkun hemm applikazzjoni ghal tnehhija ta' 'meter' tad-dawl u fl-istess waqt ma jkunx hemm ghal 'meter' tal-ilma meta din il-binja kienet se tkun imwaqqa'. Illi jidher ukoll mid-dokument AB 2 (a fol 69) li permezz tal-ittra bid-data tal-15 ta' Mejju 2014 kienet qieghda ssir referenza ghal kontijiet li qieghdin jinbghatu ghal 'meter' tal-ilma li ma kienx aktar jezisti. Illi jidher li anki dwar it-tnehhija ta' dan il-'meter' tal-ilma kienet saret applikazzjoni pero' xorta wahda baqghu jinhargu kontijiet. Illi ghalhekk zgur ma kinitx l-istess rikorrenti li ghamlet it-talbiet sabiex jitnehhew il-'meters' ghax din ma setghet qatt taghmel tali talba ghal propjeta' li ma kenitx tappartjeni aktar lilha.

Illi pero' minn dak li qalet l-istess rikorrenti hija qatt ma ghamlet talba sabiex dan il-'meter' jigi trasferit minn maghha ghal terzi persuni. Illi ghalhekk dan il-fatt jibqa' juri li r-responsabilita' tal-konsumatur baqghet fuqha. Illi ghalkemm kien hemm diversi korrispondenza li turi minghajr dubju li dan il-'meter' ma baqax aktar fil-post imwahhal izda jidher li tnehha, prova ta' min seta' nehhieh ma ngiebitx jekk fil-fatt kienux l-istess sidien godda jew inkella kienux l-awtoritajiet stress. Illi pero' li huwa zgur ma kienx hemm talba mis-sidien il-godda jew inkella mill-istess rikorrenti li jitnehha dan il-'meter' minn gewwa dan il-post fejn kien jinstab. Illi kien fl-istess responsabilita' tal-istess attrici li tara jekk fil-fatt kienx sar l-istess trasferiment. Illi ghalhekk din ir-responsabilita' tibqa' tippersisti sakemm issir it-trasferiment tal-istess 'meter'. Illi ghalkemm huwa minnu li

hija ma baqghetx sid tal-post fejn kien jinstab dan il-'meter', pero' hija kellha tizgura li jsir it-trasferiment minn fuqha ghal fuq terza persuna u dan specjalment ghal dak li hija kellha fl-istess kuntratt ta' bejgh li hija ghamlet mal-ewwel kumpanija li kienet xtrat din l-ispezerija.

**Decide:**

Ghaldaqstant din il-Qorti tiddeciedi li tichad it-talba rikorrenti billi tiddikjara li t-talba maghmula bl-ittra ufficcjali numru 2279/17 mibghuta lir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd vs Amata Camilleri ghandha tigi esegwita bhala titolu esekuttiv.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti Amata Camilleri inkluz dik tal-ittra ufficjali numru 2279/17 bl-imgħaxijiet legali mid-28 t'Awwissu 2017 (data tal-Ittra Ufficjali) sal-pagament effettiv.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**